MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1422/2002/1

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**v.**

**Il-Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment *"Marwa M"*, u ghan-nom u in rappresentanza tas-sidien tieghu Mohammed Abdullah Hassan, Mohammed Nagy Farag Sarhan u *Amazing Sail Navigation* [recte: *Navigational*], u b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 2003 gie nominat [recte: gew nominati] bhala deputati kuraturi Dr Tonio Azzopardi**

**u P.L. Victor Bugeja biex jirrapresentaw lill-assenti Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Lulju 2003 li taqra hekk:

"Il-Qorti:
"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew:**
"Illi l-Kaptan Khaled Mohammed El Bellasy huwa l-kaptan tal-bastiment MV Marwa M, liema bastiment huwa bhalissa sorgut fil-Port il-Kbir ta' Malta;

"Illi l-bastiment konvenut ilu f'Malta mill-25 ta' Novembru 2001, meta dahal fl-ibhra Maltija bi ksur tar-Regolament dwar il-Portijiet ta' 1966 u ta' l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta;

"Illi kif jidher mid-dokument hawn anness bhala Dok "A", l-Awtorita` attrici hija kreditrici tal-konvenuti ghas-somma ta' tnax-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm12,594.42), dovuti *port dues*, drittijiet u spejjez ohra sofferti mill-attrici mid-data fuq imsemmija.

"Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta' l-Awtorita` attrici, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont, u Charles Abela in rapprezentanza ta' l-Awtorita` attrici qieghed jannetti affidavit immarkat Dok "C" a tenur ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"**Talab** ghalhekk il-konvenuti ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tnax-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm12,594.42) dovuta lill-Awtorita` attrici bhala *port dues*, drittijiet u spejjez ohra.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 07 t'Ottubru 2002 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

"Rat l-affidavit ta' Charles Abela ghall-awtorita` attrici u d-dokumenti l-ohra.

"Rat li l-konvenuti debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

"Rat l-atti kollha tal-kawza;

"Semghet provi bil-gurament;

"Ikkonsidrat:

"Ili mill-affidavit ta' Charles Abela jirrizulta illi l-konvenuti huma debituri ta' l-Awtorita` attrici ghas-somma ta' tanx-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm12,594.42) dovuta lilha bhala *port dues*, drittijiet u spejjez ohra sofferti minnha mid-data tal-25 ta' Novembru 2001, wara li l-bastiment intimat Marwa M dahal fl-ibrha Maltin bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1996 u ta' l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta.

"Illi fl-udjenza tal-lum xehed Ian Muniti li kkonferma li l-ammont pretez mill-awtorita` attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta` konvenuta.

"Ghaldaqstant it-talba kif dedotta fic-citazzjoni hija gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta.”

Minn din is-sentenza appellaw il-kuraturi deputati l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja. Huma jressqu bazikament hames aggravji fir-rigward ta’ l-imsemmija sentenza – liema aggravji ser jigu kkunsidrati *seriatim* – u fl-ahhar ta’ l-imsemmi rikors jitolbu *“…fil-kwalita` taghhom ta’ kuraturi deputati nominati b’digriet tat-23 ta’ Jannar 2003 biex jirrapresentaw lill-assenti Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy, filwaqt li jinterponu umli appell mis-sentenza tat-22 ta’ Lulju 2003 fl-ismijiet premessi moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla…”* li din il-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura quddiem il-Prim Awla.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi ghas-sentenza fit-22 ta’ Lulju 2003 “ghaliex f’dik is-seduta nstemghu provi godda (xehed Ian Minuti) u, peress li l-esponent ma kienx prezenti, la setgha jaghmel kontro-ezami lix-xhud u lanqas ma setgha jipproduci provi ohra biex jirribatti x-xiehda migjuba dakinhar.” L-appellanti jippretendu li l-kawza kellha tithalla ghal data ohra. Din il-Qorti difficilment tista’ timmagina aggravju aktar fieragh minn dan. Jibda biex jinghad, kif tajjeb osservat l-Awtorita` appellata fir-risposta taghha, li l-appellant Prokuratur Legali Victor Bugeja kien obbligat, skond l-Artikolu 937 tal-Kap. 12, fost affarijiet ohra, li <u>jidher fis-smigh tal-kawza</u>. F’ebda wahda mis-seduti[1] wara li huwa, flimkien ma’ l-Avukat Azzopardi, gie nominat deputat kuratur[2] dana ma deher kif kien obbligat li jaghmel. Mill-banda l-ohra, l-appellant Dott. Tonio Azzopardi, ma setax ma kienx jaf li l-verbal ta’ l-udjenza tat-13 ta’ Gunju 2003 – ghal liema udjenza huwa kien

[1] 7 ta’ Mejju 2003; 20 ta’ Mejju 2003; 13 ta’ Gunju 2003; 9 ta’ Lulju 2003; u 22 ta’ Lulju 2003.

[2] B’digriet tal-31 ta’ Jannar 2003 u mhux, kif erronjament kullimkien indikat, inkluz mill-istess appellanti li jidher li anqas hadu l-izbriga li jaraw sew id-digriet in kwistjoni, tat-23 ta’ Jannar 2003.

presenti – kien jghid li "l-kawza qed tigi differita ghad-9 ta' Lulju 2003 ghal kontinwazzjoni u jekk ikun il-kaz eventwali sentenza, ghad-9.30 a.m."[3] (sottolinear ta' din il-Qorti). Fis-27 ta' Gunju 2003 l-imsemmi kuratur (Dott. Azzopardi) ipprezenta rikors[4] fejn talab differiment peress li fid-9 ta' Lulju 2003 kien ser ikun imsiefer, u l-ewwel Qorti, fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2003 ghalhekk iddifferiet il-kawza "ghall-istess skop tal-verbal precedenti" ghat-22 ta' Lulju 2003. F'din l-ahhar udjenza la deher l-appellant il-Prokuratur Legali Bugeja u anqas l-appellant Dott. Azzopardi. Ghalhekk, f'din l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2003, wara li instema' x-xhud Ian Minuti, l-ewwel Qorti kienet perfettament intitolata li tghaddi ghas-sentenza – kif kienet indikat li ser taghmel fil-verbal tat-13 ta' Gunju 2003 – u dan anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 211[5] tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti ma kienitx tenuta li toqghod tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' dehra tal-kuraturi f'din l-ahhar imsemmija udjenza – nuqqas ta' dehra li, fl-assenza ta' xi indikazzjoni ohra, jista' biss ikun attribwit ghal negligenza da parti ta' l-istess kuraturi – u galadarba setghet tghaddi ghas-sentenza dakinhar stess ghax il-kawza ma kienitx tirrikjedi xi studju jew riflessjoni partikolari, ghamlet dak li kienet fid-dover li taghmel, u cioe` ppronunzjat is-sentenza fit-22 ta' Lulju 2003.

It-tieni aggravju – li jista' konvenjentement jigi kkunsidrat flimkien mat-tielet u r-raba' aggravji – hu fis-sens li l-kawza ma kienitx aktar "bil-giljottina" u kellha tkompli tinstema' bhala "kawza normali". Jilmentaw l-appellanti wkoll – it-tielet aggravju – li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom li anqas biss tissemma' fis-sentenza. Jillanjaw ukoll fir-raba' lok li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li l-konvenuti, ghalkemm debitament notifikati fiz-zmien preskritt baqghu kontumaci u msejha tliet darbiet ma dehrux. Issa, ghalkemm jista' jinghad teknikament li l-konvenuti ma kinux kontumaci ghax fis-17 ta' Frar 2003 huma

[3] Fol. 32 ta' l-atti.
[4] Fol. 36.
[5] **211**: "Wara l-eghluq tas-smigh tal-kawza, il-qorti, jekk ma taqtax il-kawza dakinhar stess, ghandha thalliha ghad-decizjoni ghal gurnata ohra l-aktar fil-qrib li tiffissha ghaldaqshekk."

ppresentaw nota ta' eccezzjonijiet[6] – nota li kullma tghid hu semplicement "Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirrizervaw d-dritt li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri" – kif ukoll li l-procedura ma baqghetx wahda sommarja ghax bejn l-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet u d-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames xhur, il-fatt jibqa' li l-konvenuti baqghu ma gabu ebda prova biex b'xi mod jikkuntrastaw dak li kien qed jintalab fic-citazzjoni. Il-konvenuti, fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi ghall-assenti, f'ebda hin, mis-17 ta' Frar 2003 sat 22 ta' Lulju 2003, ma ghamlu xejn li seta' jindika li t-talba' attrici ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma msemmija fic-citazzjoni ma kellhiex tintlaqa'. Huwa minnu li l-ewwel Qorti setghet kienet impreciza fil-kliem li adoperat fis-sentenza, pero` fis-sustanza s-sentenza kienet perfettament korretta u gusta in kwantu ntlaqghet it-talba ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiz mill-Awtorita` attrici. Jinghad ukoll – u dan in kwantu taht il-paragrafu "F" fir-rikors ta' appell l-appellanti donnhom jippretendu li ghax ma kellhomx komunikazzjoni mal-Kaptan Elbellasy allura kien hemm xi nuqqas ta' *due process* – li bejn it-28 ta' Mejju 2003, meta l-appellant Dott. Azzopardi kiteb lis-sidien Hassan u Sarhan, u d-data tas-sentenza kien ghadda zmien bizzejjed li fih, kieku dawn riedu b'xi mod jikkontestaw serjament it-talba quddiem il-Qorti, setghu jaghtu l-istruzzjonijiet taghhom lill-imsemmija kuraturi jew iqabbdu avukati ohra. Anqas ma kien il-kompitu ta' l-Awtorita` attrici, kif donnhom jippretendu l-appellanti, li dawn jipprovdulhom f'kull kaz l-indirizz tal-Kaptan Elbellasy, u dan kif gustament tosserva l-imsemmija Awtorita` anke b'referenza ghall-Artikolu 936 tal-Kap. 12 li jiddelinea xi whud mid-dmirijiet tal-kuraturi. Fl-ewwel lok kien jinkombi fuq il-kuraturi li jippruvaw li huma mxew konfermement mas-subinciz (1)(c) ta' l-Art. 936, jew li kellhom ghax jahsbu li l-appellati naqsu milli jfornuhom bl-indirizz relattiv meta dan kienu jafuh.

L-ahhar aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi "…il-hatra ta' kuraturi deputati kellha ssir mhux biss fir-rigward tal-Kaptan Elbellasy izda wkoll fir-rigward tas-sidien tal-

[6] Fol. 23.

bastiment ‘Mawra M’ ghaliex dawn ukoll ghandhom interess fl-ezitu tal-kawza.” Dan l-aggravju hu altament fieragh – mhux biss huma qatt ma taw din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti (kif setghu facilment ghamlu kieku riedu), izda addirittura in-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom tas-17 ta’ Frar 2003 minnhom presentata tghid testwalment hekk: *“Nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratori Avukat Dottor Tonio Azzopardi u P.L. Victor Bugeja mahtura biex jirraprezentaw lill-konvenuti assenti Mohammed Abdullah Hassan, Mohammed Nagi Farag Sarhan u* Amazing Sail Navigational *u okkorrendo lill-Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy nomine”*. Kwalsiasi kumment iehor ikun superfluwu.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju pero` din il-Qorti ma tarax li tista’ tapplika s-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 223 tal-Kap. 12 peress li l-appellanti huma l-kuraturi ta’ l-elenku, ghalhekk tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gustizzja sabiex jara x’mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu penalizzati appelli fiergha mill-kuraturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------